C/2023/1492

8.12.2023

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni ta' DEIF Mohammed u ISSA Marwan, inklużi fil-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet koperti mill-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bl-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu

(ara l-Annessi għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/xxx u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/xxx tas-7 ta' Diċembru 2023)

(C/2023/1492)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-persuni msemmija hawn fuq li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/xxx ([1]) u fl-Anness għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/xxx ([2]).

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li jinkludi lil dawk il-persuni fil-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet koperti mill-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu ([3]) u mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bl-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu ([4]).

Ir-Regolament (KE) Nru 2580/2001 jipprevedi l-iffriżar tal-fondi, l-assi finanzjarji u r-riżorsi ekonomiċi l-oħrajn kollha li jappartjenu lill-persuni, il-gruppi u l-entitajiet ikkonċernati u li l-ebda fondi, assi finanzjarji u riżorsi ekonomiċi oħrajn ma jistgħu jsiru disponibbli għalihom, kemm direttament jew indirettament.

Qed tingħibed l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif elenkati fl-Anness għar-Regolament, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi, f'konformità mal-Artikolu 5(2) ta' dak ir-Regolament.

Il-persuni kkonċernati jistgħu jippreżentaw talba fl-indirizz li ġej biex jiksbu d-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet għall-inklużjoni tagħhom fil-lista msemmija hawn fuq:

Council of the European Union (Attn: COMET designations)
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Email: sanctions@consilium.europa.eu

Il-persuni kkonċernati jistgħu fi kwalunkwe ħin jippreżentaw talba lill-Kunsill, flimkien ma' kwalunkwe dokumentazzjoni ta' appoġġ, biex id-deċiżjoni li huma jiġu inklużi fil-lista tiġi kkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz ipprovdut hawn fuq. Tali talbiet ikunu kkunsidrati meta jiġu riċevuti. F'dan ir-rigward, qed tingħibed l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati għar-rieżami regolari mill-Kunsill tal-lista skont l-Artikolu 1(6) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK.

Sabiex l-osservazzjonijiet jiġu kkunsidrati fir-rieżami li jmiss, it-talba msemmija hawn fuq biex tinkiseb id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet għandha tiġi ppreżentata sal-15 ta' Diċembru 2023.

Qed tingħibed ukoll l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deżinjazzjoni tagħhom quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 263(4) u (6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L, 2023/2764, 7.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2764/oj.
([2]) ĠU L, 2023/2765, 7.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2765/oj.
([3]) ĠU L 344, 28.12.2001, p. 93.
([4]) ĠU L 344, 28.12.2001, p. 70.